KUNSILL LOKALI QALA

**MINUTI LAQGĦA URĠENTI NUMRU 74**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023, fl-16:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieġ - Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak Cassar Mejlak – Kunsilliera

Uffiċċjal Preżenti:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 74.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

74.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 74.2 Xogħol infrastrutturali fi Triq it-28ta' April 1688, Qala

74.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri dwar il-kuntratt eżistenti, l-ammont li jkopri dan il-kuntratt liema valur huwa ta' €118, 650.05 u li x-xogħol fuq din it-triq beda l-Erbgħa, 30 ta' Awwissu 2023. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-valur tal-kuntratt ma jirriflettix ix-xogħol li l-kuntrattur se jkun qed iwettaq. Għalhekk, ġiet imsejħa din il-laqgħa b'urġenza u stiednet lill-Perit tal-Kunsill s-Sur Godwin Sultana sabiex jindirizza lill-kamra u jagħti update u spjegazzjoni tax-xogħolijiet f'din it-triq.

Il-Perit spjega li qegħdin fi stadju bikri tax-xogħol u meta tibda tiftaħ it-triq wieħed ikun jista jara aħjar x'ikun hemm bżonn, xi ħaġa li qabel ma tkun ħarġet is-sejħa għall-offerti ma nkunux daqshekk preċiżi. Għalkemm, il-Kunsill kien diġa ppjana u ġab il-funding għall-worst case scenarios. Fil-preżent, il-kuntrattur ma għandux l-items kollha li qed naraw li hemm bżonn isiru fil-kuntratt minħabba li ma konniex nafu bihom qabel. Għalhekk, il-kunsill irid iressaq it-talba lid-dipartiment tal-Gvern lokali u d-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiġi rivedut il-Kuntratt mal-Kuntrattur fejn dawn l-*additional items* u *new items* jiġu inklużi u ssir ukoll talba għal *negotiated procedure*. Il-Fondi mill-Ministru Għal Għawdex kienu ġew approvati biex jingħataw lill-Kunsill għal xogħolijiet miżjuda ta' din it-triq, wara li kien diġa ħareġ it-tender u ġie ffirmat il-kuntratt mal-Kuntrattur. Minħabba li fil-perjodu minn meta l-kunsill ingħata l-kuntratt għall-fondi sa meta beda x-xogħol fit-triq, ma saritx it-talba għal *negotiated procedure*, din it-talba trid issir issa sabiex ningħataw l-approvazzjoni mid-dipartiment tal-Gvern Lokali u mid-Dipartiment tal-Kuntratti biex dan ix-xogħol jkun jista jsir bl-istess rati tat-tender.

Il-Perit semma wkoll li hemm bżonn li jsir ukoll soak-away biex tilqa l-ilma li jkun ġej minn quddiem l-iskola u għalhekk din trid tiżdied ma dawn ix-xogħolijiet. Il-Perit wieġeb għall-mistoqsijiet tal-kunsilliera u ikkonferma li l-livell tat-triq ser jibqa l-istess. Il-Perit spjega wkoll illi qabel ma inħarġet is-sejħa għall-offerti il-Kunsill ma kellux il-finanzi biżżejjed sabiex jidħol għal bdil ta' servizzi u l-approvazzjonijiet għall-fondi ħarġu wara li s-sejħa għall-offerti kienet ħarġet u ġiet awarded. Ma jagħmilx sens li toħroġ sejħa oħra għall-offerti u jkollna żewġ kuntratturi jaħdmu fuq l-istess triq anka minħabba l-garanziji.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Is-Sindku spjega li l-flus għal din it-triq se jingħataw kollha mill-Ministeru Għal Għawdex u mill-WSC.

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Perit taw update dwar l-applikazzjoni li l-kunsill issottometta lill-Awtorita' tal-Ippjanar għal-Planning Development Funds sabiex jiġi ffinanżjat il-proġett ta' tisbiħ fiż-żona tal-kunsill, ż-żebra crossing u l-bankini ta' Triq it-28ta' April 1688. Minħabba li DPF ma jkoprux proġetti ta' konkos jew tat-toroq, li nistgħu ningħataw hija biss l-ispiża relatata mal-madum tal-bankini. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet kuntratt eżistenti għal xogħolijiet ta' roundabouts u bankini li l-kunsill għandu miftuħ u għalhekk malli tkun lesta t-triq jista jibda x-xogħol ta' bankini. Kien hemm qbil unanimu sabiex l-applikazzjoni tal-kunsill mad-DPF tiġi riveduta sabiex nitolbu għal-bankini. Il-Perit se jkun qed jipprepara BOQ riveduta sabiex nkunu nistgħu nkomplu b'din l-applikazzjoni.

Fuq mistoqsija tal-Kunsillier Karl Buttiġieġ, l-Perit wieġeb li fil-kuntratt tat-triq hemm differenza ta' madwar €350elf mil-kuntratt eżistenzi. Bħala dewmin tal-proġett, il-perit wieġbu li hemm madwar tlett xhur zgur, pero kollox jiddependi minn x'wieħed isib waqt ix-xogħolijiet.

Kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jissottometti t-talba għal *negotiated procedure* kif ukoll għall-approvazzjoni ta' *new items* u *additional items.*

## 74.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

74.3.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiem fis-17:30pm. Il-laqgħa ġiet aġġoranta għal nhar t-Tlieta, 19 ta' Settembru 2023, fl-4:30pm.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt